MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 571/1995/2

**Maria Concetta Pons f'isimha proprio u bhala mandatarja ta' ohtha imsiefra Aldiera Noden, Josephine Breckon u Vincenza Brincat**

**vs**

**Giusppi Montebello u Carmel Degabriele**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:

Illi huma, lkoll ulied il-mejtin Joseph Mary Pons u Carmela nee' Caruana, huma proprjetarji ta' l-ghalqa maghrufa bhala "Ta' Habel Qaws" jew "Habel Callus", fil-kuntrada ta'

San Niklaw, fil-limiti taz-Zejtun, tal-kejl ta’ cirka sitt itmiem, erba’ sieghan, u hames kejliet, tmiss u tikkonfina minn nofs in-nhar u il-punent ma’ raba’ ta’ l-eredi ta’ Salvatore Tobone, mit-tramuntana ma’ raba’ ta’ Giuseppi Mifsud;

Illi l-konvenut Giuseppi Montebello qieghed jiddetjeni l-imsemmija ghalqa mhux bil-kunsens ta’ l-atturi, u l-konvenut Carmel Degabriele qieghed jinkassa hlas dwar l-istess ghalqa minghajr l-awtorizazzjoni ta’ l-atturi;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex dina l-Qorti m’ghandiex ghar-ragunijiet imsemmija: -

1) tikkundanna lill-konvenut Giuseppi Montebello johrog u jizgombra mill-ghalqa msemmija maghrufa bhala “Ta’ Habel Qawsa” ossia “Habel Callus” fil-kuntrada ta’ San Niklaw, limiti taz-Zejtun;

2) tinibixxi lill-intimat Carmel Degabriele ma’ jircievi hlasijiet in konnessjoni mad-detenzjoni ta’ l-istess ghalqa;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali tal-5 ta’ Ottubru 1993 u tat-3 t’ Awissu 1994 kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi pro et nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Giuseppi Montebello fejn gie eccepit:-

1. Fl-ewwel lok l-inkompetenza ta’ din il-Qorti rationae valoris billi l-valur lokatizju annwu tal-ghalqa imsemmija hu ferm inferjuri ghal Lm250 tant li eccipjenti ihallas prezentement Lm5.30 fis-sena bhala qbiela lill-konvenut l-iehor Carmel Degabriele;

2. Fit-tieni lok in-nullita’ tal-azzjoni attrici billi l-eccipjenti huwa mizzewweg u ghalhekk kellha titharrek ukoll martu bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti;

3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju n-nullita’ tal-azzjoni attrici stante li fl-istess citazzjoni l-atturi qed jippromwovu talbiet totalment differenti minn xulxin kontra zewg konvenuti differenti u li per di piu’ ghandhom interessi konfliggenti stante li l-eccipjenti ihallas qbiela lill-konvenut l-iehor, u qed jigi kontestat mill-atturi li l-konvenut l-iehor ghandu d-dritt li jigbor l-istess qbiela;

4. Illi l-atturi iridu jippruvaw li huma l-proprjetarji tal-ghalqa in kwistjoni billi l-eccipjenti ma jirrikonoxxihomx bhala s-sidien li sa fejn jaf hu, huma terzi;

5. Illi inoltre l-istess terzi, ghall-integrita tal-gudizzju, ghandhom jigu kjamati fil-kawza billi l-azzjoni attrici ghandha sembjanza ukoll ta’ actio rei vindicatoria fil-konfront tal-istess terzi;

6. Fil-mertu, l-eccipjenti jiddetjeni l-ghalqa b’ titolu ta’ qbiela kif ilu jiddetjeniha ghal dawn l-ahhar erbghin sena;

Rat id-dikkjarazzjoni tal-konvenut Giuseppi Montebello debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-n-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Degabriele fejn gie eccepit :-

1. Fl-ewwel lok l-inkompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti rationae valoris billi l-valur lokatizju annwu tal-ghalqa imsemmija hu ferm inferjuri ghal Lm250 tant li eccipjenti jircievi prezentement Lm5.30 fis-sena bhala qbiela mill-konvenut l-iehor Giuseppi Montebello;

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, n-nullita’ tal-azzjoni attrici stante li fl-istess citazzjoni l-atturi qed jippromwovu talbiet totalment differenti minn xulxin kontra zewg konvenuti differenti u li per di piu’ ghandhom interessi konfliggenti stante li l-eccipjenti ihallas qbiela minghand il-konvenut l-iehor, u qed jigi kontestat mill-atturi li l-eccipjenti ghandu d-dritt li jigbor l-istess qbiela;

3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju, l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li tharrek f'ismu proprju mentri hu jigbor il-kera bhala prokuratur tal-assenti Alfonso, John u Gemma Stokes, ahwa Attard;

4. Illi l-atturi iridu jippruvaw li huma l-proprjetarji tal-ghalqa in kwistjoni billi l-eccipjenti ma jirrikonoxxihomx bhala s-sidien li sa fejn jaf hu, huma terzi, fosthom appuntu Alfonso, John u gemma Stokes, ahwa Attard;

5. Illi inoltre l-istess terzi, inkluzi Alfonso, John u Gemma Stokes, ahwa Attard ghandhom jigu kjamati fil-kawza ghall-integrita tal-gudizzju billi l-azzjoni attrici ghandha sembjanza ukoll ta' actio rei vindicatoria fil-konfront tal-istess terzi;

6. Fil-mertu, l-eccipjenti jigbor il-kera bhala prokuratur tal-assenti Alfonso, John u Gemma Stokes ahwa Attard, komproprjetarji ma ohrajn tal-istess ghalqa, u kwindi ghandu kull dritt li jibqa jigbor l-istess kera u ma hemm ebda impediment legittimu li jiggustifika li jigi inibit milli jaghmel hekk;

Rat id-dikkjarazzjoni tal-konvenut Carmelo Degabriele debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;
Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 2006 minn fejn jirrizulta li l-konvenut Montebello rtira l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tieghu u l-konvenut l-iehor Degabriele rtira l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Rat is-sentenza taghha tas-27 ta' Gunju 1996 li biha giet michuda t-tielet eccezzjoni tal-konvenut Montebello u b'hekk giet michuda ukoll it-tieni eccezzjoni tal-konvenut l-iehor Degabriele;

Rat l-affidavit tal-attrici Maria Concetta Pons;

Semghet lill-istess attrici u lill-attrici Vincenza Brincat u lix-xhieda prodotti mill-atturi;

Semghet lill-konvenut Degabriele u lill-konvenut l-iehor Montebello;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-atturi;

Rat in-nota responsiva tal-konvenuti;

Rat l-atti l-ohra kolha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita biex tinghata s-sentenza;

Ikkonsidrat:

L-atturi jippremettu li huma sidien ta’ l-ghalqa maghrufa bhala “Ta’ Habel Qaws” jew “Habel Callus”, fil-kuntrada ta’ San Niklaw, fil-limiti taz-Zejtun. L-atturi jkomplu jippremettu li l-konvenut Giuseppi Montebello qed jiddetjeni l-imsemmija ghalqa minnghajr il-kunsens taghhom u l-konvenut Carmel Degabriele indebitament qed jaccetta hlasijiet dwar l-istess ghalqa. Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li l-konvenut Montebello jigi kundannat jizgombra mill-ghalqa u li l-konvenut l-iehor Degabriele jigi inibit milli jkompli jircievi l-imsemmija hlasijiet;

L-eccezzjonijiet tal-konvenut Montebello li fadal li jigu decizi jirreferu ghal fatt li l-atturi iridu jippruvaw it-titolu taghhom u ghall-fatt li huwa qed jiddetjeni jiddetjeni l-ghalqa b’ titolu ta’ qbiela;

L-eccezzjonijiet tal-konvenut l-iehor Degabriele li fadal huma li hu semmai qed jigbor il-kera f’isem terzi, li l-atturi iridu jippruvaw it-titolu taghhom u li hu qed jigbor l-istess kera f’isem komproprjetarji tal-ghalqa u f’dan ir-rigward ma hemm ebda impediment legittimu;

Il-konvenut Degabriele gie mharrek f’ismu proprju mentri l-istess konvenut Degabriele kkonferma li huwa qed jaccetta l-hlasijiet in kwestjoni ghan-nom ta’ l-assenti Alfonso, John u Gemma Stokes, ahwa Attard. F’dan ir-rigward il-konvenut Degabriele bl-ebda mod ma gie kontradett. Ghalhekk jidher li fi kwalunkwe kaz l-istess

konvenut gie mharrek hazin u konsegwentement huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Dwar it-titolu tal-atturi ghar-rigward tal-ghalqa in kwestjoni jirrizulta li l-ghalqa in kwestjoni kienet originarjament ta' Michele u Anna konjugi Mallia. B'divizjoni ta' l-assi tal-imsemmija idien originali, tal-10 ta' Marzu 1868, l-ghalqa giet assenjata lill-Caterina (mart Francesco) Borg. Jidher li l-ghalqa nghatat b'cens temporanju lill-Angelo Vella (liema cens beda jiddekorri fl-1884 u skada fil-1984) u dana skond riferenza ghal kuntratt relattiv datat 31 ta' Marzu 1914 (fol 45). Fil-31 ta' Marzu 1914 l-ghalqa inghatat b'enfitewsi temporanja minn Angelo Vella lill-Gio Battista Attard u dana ghar-rimanenti perjodu tac-cens. L-istess Gio Battista Attard ta' bi qbiela l-ghalqa lill-certu Giacond Montebello b'Lm5.50 kera fis-sena. Giacond Montebello in effett jigi missier il-konvenut Giuseppi Montebello;

L-ghalqa kienet ghaddiet ghand Pietru Borg Demicoli bhala eredi tal-imsemmija ommu Caterina (mart Francesco) Borg. It-tlett ulied ta' Pietru Borg Demicoli cioe Lorenza, Emanuela u Carmela wirtu l-ghalqa f'parti ta' terz kull wiehed. Emanuele miet, u l-kwota tieghu ghaddiet fuq iz-zewg hutu l-ohra, cioe Lorenza u Carmelo, B'hekk dawn saru proprjetarji tan-nofs indiviz kull wiehed. B'Kuntratt ta' l-1 ta' Novembru 1947 (fol 85) Lorenza Borg Demicoli, bint Pietru Borg Demicoli, bieghet is-sehem taghha ta' nofs indiviz mid-dirett dominju perpetwu lill-Amabile Attard. Amabile Attard wirtuh it-tliet uliedu li huma Alfonso, John u Gemma, li l-prokuratur taghhom huwa l-konvenuti f'din il-kawza, cioe Carmel Degabriele. B'hekk, l-ghalqa fil-prezent tappartjeni kwantu ghan-nofs lill-werrieta ta' Carmelo Borg Demicoli (li huma l-atturi fil-kawza odjerna), u ghar-rimanenti nofs lill-werrieta ta' Amabile Attard (li huma l-imsemmija tliet uliedu. Ghalhekk jidher li l-atturi wirtu s-sehem ta' Carmelo Borg Demicoli u wirtu biss nofs l-ghalqa u b'hekk jidher li l-atturi huma ko-proprjetarji ta' l-ghalqa mal-werrieta ta' Mabbli Attard li huma ko-proprjetarji tan-nofs indiviz l-iehor. B'hekk ukoll jidher li semmai l-atturi ghandhom dritt ghal sehemhom mill-kera tal-ghalqa;

Fid-dawl ta' dan kollu jidher li l-konvenut Montebello qed jiddetjeni l-ghalqa b'titolu validu ta' lokazzjoni jew qbiela. Inoltre kif gia gie rilevat il-konvenut Degabriele ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-ewwel talba tal-atturi u billi fit-tieni lok tillibera lill-konvenut Carmel Degabriele mill-osservanza tal-gudizzju u b'hekk tastieni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba;

Spejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------